it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

OTTUBRU 2018 - Nru. 465

‘Taf kemm nitolbu ’l Mulej? Min sbieħ il-jum irrodd is-salib u nitlob il-Mulej jagħtini dik il-grazzja, dik il-ħaġa u dik l-oħra ... Mhux ħmerijiet nitolbu tafx, imma ħwejjeġ ta’ ġid u mhux għalija biss, imma anki għall-familja tiegħi, għal ħbiebi u għad-dinja kollha ... Imma kollu għalxejn ta! Qatt ma naqla’ l-grazzji li nitlob. Donnu Alla jinsini lili.’

Meta titlob imma, l-ewwelnett qiegħed tiżżi ħajr ’l Alla ta’ dak li jtik mingħajr ma titolbu? U meta titolbu, qed tħalli f’idejn ir-rieda tiegħu? Tinsiex li inti qatt ma tista’ tifhem ir-rieda ta’ Alla. Meta ttenni l-kelmiet: Ikun li trid int, qiegħed tassew tħalli f’idejh, anki jekk ma tifhimx xi jrid minnek? Jew diġà fassalt f’moħħok li trid bilfors dak li qed titlob għalih?

... jew li rrid jien?

Għaliex qed tibqa' lura?

Editorjal

Ħbieb,
Dnub li hawn ħafna nies li għandhom diversi talenti sbieħ imma li jżommuhom moħbijin għax jew jistħu jaqsmuhom ma' ħaddieħor, jew jaqtgħu qalbhom biex jagħmlu dan.

Hija ħasra tassew, għax min jaf kemm iferrħu u jagħmlu ġid dawn in-nies kieku juru dawn it-talenti tagħhom. Kemm jekk mużika, kant, tpinġija, abbiltà biex torganizza, abbiltà fil-media, reċtar ... Iva, minkejja l-opportunitajiet li jeżistu fi żmienna, issib min jibqa' lura.

Imbagħad, biex ngħiduha kif inhi, dan il-vojt malajr jimtela b'min ma jafx ħlief jidher għax mingħalih jaf xi ħaġa, u bl-aġir tiegħu qajla jagħmel ġid (jekk mhux ukoll jagħmel ħsara!) b'dak li jagħmel jew jgħid.

Nies ta' talenti li jistħu, kulma jridu jagħmlu hu ftit kuraġġ. Bilfors li se jkun hemm xi diffikultajiet - ħadd ma għandu jippretendi li kollox ser jimxi ħarir. L-importanti hu li l-bniedem ikollu għan ċar u tajjeb: li jagħmel il-ġid b'dak li jaf. Mela ħabib: ifforma viżjoni mentali ċara u b'saħħitha tal-għan li għalih ser twettaq dak li taf, emmen fik innifsek, itlob lill-Mulej jgħinek, u mexxi.

Żgur u mhux forsi li b'dan il-mod isir ħafna u ħafna ġid, li ma kienx ikun possibbli kieku dak li jkun jibqa' jinħeba wara ħafna skużi ta' mistħija u biża'.

Isa, intom li għandkom talenti moħbija, aqsmuhom magħna ħalli nifirħu flimkien.

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-Ħaddiema

Nru. 465
Ottubru 2018

ĦARĠA BIR-ROTA
għall-anzjani

M'ilux ħafna fl-Iskozja beda proġett verament oriġinali li ferraħ ħafna anzjani. Bdieh żagħżugħ ta' madwar 20 sena, jismu Fraser, li qed jistudja l-mediċina fl-Università ta' Falkirk, li ħareġ b'din l-ideja.

Frazer beda jdur id-djar tal-anzjani li hemm fil-viċinanzi ta' fejn joqgħod huwa, u minn żmien għal żmien jeħodhom dawra b'rota speċjali li fuq quddiem tagħha għandha speċi ta' kaxxa li hi wkoll fuq ir-roti u li tesa żewġ persuni. B'hekk l-anzjani jieħdu l-arja, igawdu x-xenarju ta' madwarhom u b'hekk jieħdu gost u jkun ta' serħan għalihom.

Illum il-ġurnata Frazer, flimkien ma għadd ta' żgħażagħ oħra, qed jirsistu u jaħdmu sabiex din l-ideja tiġi estiża mal-Iskozja kollha u għaliex le, anki 'l barra minn xtuthom. Huma jistqarru li jixtiequ jkomplu b'dan is-servizz volontarju meta jafu kemm dan qed iferraħ anzjani.

Min jaf! Forsi għad nibdew xi ħaġa simili f'pajjiżna wkoll, fejn għandna temp u xenarju mill-isbaħ.

Infakkru li l-1 ta' Ottubru hu l-Jum Dinji ddedikat għall-Anzjani.

L-Anġli tagħna

Fra Angelico kien pittur ta' sensibilità unika. Bħala reliġjuż tal-Ordni Dumnikan, Fra Angelico kien jinqeda bil-pittura biex iwassal l-aħbar it-tajba u jressaq l-erwieħ lejn Alla bix-xogħol tiegħu. Kien artist famuż li għex madwar l-1400.

Dettall tal-Arkanġlu Gabriel
Fra Anġelico 1431 - 1433

L-isbaħ opri li ħalla mpittra tul is-sekli huma bla dubju l-figuri tal-anġli. L-anġli ta' Fra Angelico huma kreaturi trasparenti u sopranaturali. Meta tħares fit-tul u b'attenzjoni lejn il-wiċċ u lejn id-delikatezza tal-pożizzjoni ta' dawn l-anġli tħossok li qed tersaq lejn Alla.

L-anġli huma spirtu pur. Imma meta ġew f'kuntatt mal-bniedem, dawn ħadu l-forma tagħna l-bnedmin. Hekk ngħidu aħna, fil-Ktieb ta' Tobija, fl-Antik Testment, għandna lill-Arkanġlu Rafel li ħa s-sura ta' żagħżugħ li ġie biex jgħin lit-tifel ta' Tobija. Imbagħad fl-Atti tal-Appostli, fil-Ġdid Testment, waqt in-nawfraġju tiegħu f'Malta, San Pawl deherlu l-anġlu tal-Mulej biex iserraħlu moħħu li l-Mulej kien magħhom.

Il-Qaddisin kollha kellhom qima kbira lejn l-anġli, speċjalment lejn l-anġlu kustodju. Hemm ħafna stejjer sbieħ fil-ħajja ta' San Ġwann Bosco u t-tfal li kien jieħu ħsieb rigward id-devozzjoni lejn l-anġlu kustodju.

Fil-Katekiżmu li konna nitgħallmu, konna nsibu t-talba lill-anġlu kustodju li konna ngħiduha kull filgħodu u kull filgħaxija. Nitolbu lill-anġlu kustodju hekk:

"***Anġlu t'Alla, illi fit-tjubija tiegħu Alla tani biex tharisni, iftaħli moħħi, ħarisni, żommni u mexxini f'dan il-jum (jew f'dan il-lejl). Hekk ikun***."

Ta' min ngħiduha din it-talba hekk sempliċi imma hekk sabiħa.

Il-Knisja tagħmel il-Festa tal-Anġli Kustodji fit-2 ta' Ottubru.

il-bidu
ta' devozzjoni kbira

Santa Marija Faustina Kowalska *(ritratt lemin)* twieldet ġo familja kbira ta' raħħala fl-1905 fi Glogowiec, qrib Lodz, fil-Polonja. Għal xi żmien kienet seftura ma' xi familji għonja. Imbagħad daħlet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Madonna tal-Ħniena.

Fil-kunventi tal-Kongegazzjoni fi Krakovja (Polonja) u f'Vilnius (Litwanja) hi qdiet b'ħerqa kbira x-xogħol ta' koka, purtinara u tieħu ħsieb il-ġnien. Għexet ħajja ta' qaddisa u Alla taha forza spiritwali biex tħaddan il-ħafna doni li kellha. Kienet tfakkar lill-bnedmin li Alla jħobbhom u jħenn għalihom, u għal dan il-għan inqdiet b'forom ġodda ta' devozzjoni lejn il-ħniena ta' Alla. Hija kienet qalbha tajba u karitattiva, imma tul ħajjitha ftit fehmu l-grazzji profondi li rċeviet.



Fil-lejl tat-22 ta' Frar 1931 hija esperjenzat viżjoni bħal qatt qabel: rat lil Ġesù liebes l-abjad b'idu 'l waħda maħruġa 'l barra qiegħed ibierak, u l-oħra tmiss sidru. Minn sidru kienu ħerġin żewġ raġġi, wieħed aħmar u l-ieħor bajdani. Ġesù qal lil Faustina biex tpinġi xbieħa fil-forma li kienet qed tara u bil-kliem taħt: 'Ġesù, jiena nafda fik'. Peress li Faustina ma kenitx taf tpinġi, Dun Mikiel Sopocko, id-direttur spiritwali tagħha - u li sar Beatu fl-2008 - *(ritratt lemin),* għen biex instab pittur li għamel it-tpinġija. Din ix-xbieha dehret fil-pubbliku għall-ewwel darba fit-28 ta' April 1935 *(ritratt xellug).*

Id-devozzjoni lejn il-Ħniena Divina baqgħet tikber. Faustina, fuq parir ta' Dun Sopocko, kitbet il-viżjonijiet u l-profeziji tagħha fi djarju, hekk li dawn il-kitbiet mistiċi ġew tradotti f'ħafna lingwi. Kienet hi stess li ħabbret id-data ta' mewtha fil-5 ta' Ottubru 1938 - 80 sena ilu. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II għamilha l-ewwel qaddisa tat-Tielet Millenju.

Papa Piju XII

60 sena wara mewtu



Eugenio Pacelli, magħruf bħala l-Papa Piju XII (ritratt lemin) twieled Ruma fit-2 ta' Marzu 1876. Missieru, li kien avukat, xtaqu jsir bħalu, iżda Eugenio, meta spiċċa l-istudji liċeali daħal fis-Seminarju tal-Capranica biex jistudja għal qassis. Kien żagħżugħ mistħi u ta' saħħa dgħajfa, tant li ma setax ikompli s-Seminarju u tħalla jkompli l-istudju tiegħu mid-dar. Iggradwa fil-filosofija, fit-teoloġija u fid-dritt kanoniku. Sar Saċerdot fit-2 ta' April 1899, fl-eta ta' 23 sena.

Wara sentejn ġie msejjaħ biex jaħdem fil-Vatikan. Tnax-il sena wara nħatar Nunzju Appostoliku fil-Ġermanja. Fl-età ta' 42 sena ġie kkonsagrat Arċisqof. Ħadem ħafna f'Monaco u Berlin u wera ħila diplomatika kbira. Piju XI għamlu Kardinal u ħatru Segretarju tal-Istat. Din il-kariġa importanti ħaditu f'diversi missjonijiet, fosthom fl-Istati Uniti, l-Amerika t'Isfel, fi Franza u pajjiżi oħra.

Kien fit-2 ta' Marzu 1939, li wara l-mewt tal-Papa Piju XI, il-Kardinal Eugenio Pacelli, fl-età ta' 63 sena, ġie maħtur Papa wara wieħed mill-iqsar konklavi fl-Istorja tal-Knisja. Hu ħa l-isem ta' Piju XII b'sens ta' rispett lejn il-Papa ta' qablu. Is-sena 1939 kienet sena ħażina għall-Ewropa kollha.

Minn naħa t-theddida nażista ta' Hilter fil-Ġermanja u dik faxxista ta' Mussolini fl-Italja. Kien tiela' s-sħab ikrah tal-gwerra. Fl-ewwel xhur tal-Pontifikant tiegħu Piju XII stinka kemm felaħ għall-paċi, b'sogru kbir għal ħajtu minħabba t-theddid kontinwu ta' Hilter. Jekk fallew it-tentattivi tiegħu għall-paċi, ġew salvati ħajjiet ta' ħafna bnedmin. Wara l-Gwerra ġie akkużat li kien sieket quddiem il-qtil ta' miljuni ta' Lhud fil-*Holocaust.* Dan ma għamlux għax beża' jew biex isalva lilu nnifsu, iżda biex jevita u jnaqqas il-kalvarju tal-Lhud. Wara l-Gwerra, kien l-istess Kungress Dinji tal-Lhud li pubblikament wera l-gratitudni tiegħu lejh għal dak kollu li għamel biex isalva b'kull mezz tant Lhud.

Piju XII baqa' magħruf għat-tagħlim sod tiegħu fl-Enċikliki u diskorsi li għamel. Kien devot kbir tal-Madonna u kien hu li ikkonsagra lir-Russja lill-Qalb Immakulata tagħha u pproklama d-domma tal-Assunzjoni. Hwa miet fl-età ta' 82 sena fid-9 ta' Ottubru 1957. Il-kawża tal-Beatifikazzjoni tiegħu hi uffiċjalment miftuħa u tinsab miexja 'l quddiem.

Niżżel fid-djarju tiegħek

Il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2018 - ***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar***:
Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u naraw li nkunu ppreparati f'ruħna sabiex nitqarbnu;

Is-Sibt, 6 ta' Ottubru 2018 - ***L-Ewwel Sibt tax-Xahar***
Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, u ngħidu r-Ružarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Il-Ħadd, 21 ta' Ottubru 2018 - ***Il-Ġurnata Missjunarja***
Il-Knisja Kattolika tfakkarna fil-ħidma fejjieda tal-Missjunarji. Tajjeb għalhekk li niftakru fit-talb tagħna f'dawn l-irġiel u nisa qalbiena, waqt li nkunu ġenerużi fl-offerti tagħna għall-Missjoni.

AVVIŻ IEĦOR - Minn dan ix-xahar ser jibdew il-quddies għall-ħaddiema tal-Gvern u ħaddiema oħra, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt, fin-12.40 pm.

Irtir

Organizzat mill-Grupp IT-TRIQ
u miftuħ għal kulħaddd

Data: 4 ta' Novembru 2018
Imexxi: Fr Ivan Attard O.P.

Min hu interessat jista' jċempel
fuq tel. 21440384 jew 21431464

Drops Of Laughter

Q. Why do the French like to eat snails so much?
A. They can't stand fast food.

A guest calls the waiter and complains, "How come there are no chairs at our table?!"
The waiter shrugs, "I'm sorry but you only booked one table…"

A teacher asked her students to use the word "beans" in a sentence. "My father grows beans," said one girl. "My mother cooks beans," said a boy. A third student spoke up, "We are all human beans."

Drops Of Wisdom

Real bliss is to have peace of mind - *Deepak Chopra*

The secret of getting ahead is getting started - *Mark Twain*

Don't let people pull you into their storm. Pull them into your peace.

B'apprezzament għall-offerti li għamlu diversi ħbieb tagħna, qed niddedikawlhom din il-ħarġa tal-fuljett ta' Ottubru. Nerġgħu ngħidulhom GRAZZI u nwegħduhom it-talb tagħna.

Id-Direzzjoni

Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org